**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 29 ta' Marzu 2023**

Kawża Numru: 11/2019 (JPG)

**Noel Sultana pro et noe**

**vs**

**Ruben Scicluna**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-attur Noel Sultana ipprezentat fl-4 ta' April 2019 fejn l-attur ippremetta s-segwenti: -

> *"Peress illi r-rikorrenti wettaq xoghol ta' tiswija u bdil/installazzjoni ta' parts fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni "JBV526"; u dan kollu fuq struzzjonijiet tal-intimat stess;*
>
> *Peress illi l-istess intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€641.80) rapprezentanti spejjez ta' parts u mano d'opera illi saru necessarji sabiex setghet tissewwa l-vettura fuq identifikata; kollox kif jirrizulta ahjar mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti "DB1" U DB2" rispettivament;*

*Peress illi minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel dan, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;*

*Jghid ghalhekk l-intimat 'l ghala dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:*

*1. Jiddikjara illi l-intimat ghandu jhallas l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€641.80) lir-rikorrenti u rapprezentanti spejjez ta' parts u mano d'opera illi saru necessarji sabiex setghet tissewwa l-vettura fuq identifikata; u*

*2. Jikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas din l-istess somma;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz dawk tal-ittri bonarji tas-27 ta' Dicembru 2017 u tal-10 ta' Novembru 2018, u tal-ittra ufficjali nru. 5/2018; u bl-imghaxx legali mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament."*

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2019 fejn huwa ikkontesta t-talbiet tal-attur għas-segwenti raġunijiet:

*1. "Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
*2. Illi l-esponenti hallas tax-xoghol kollu maghmul u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol imwettaq mill-attur ma twettaqx skond l-arti u s-sengha, u dan kif ser jirrizulta b'mod ampju waqt is-smiegh tal-kawza;*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz id-dokumenti kollha prezentati.

Sema' x-xhieda tal-partijiet;

Ikkunsidra;

- **<u>Rijassunt tax-Xhieda Imressqa</u>**

**Noel Sultana** xehed bil-procedura tal-affidavit (Fol. 26 et seq). Huwa spjega li huwa jagħmel xogħol ta' tiswija ta' vettura, panel beating u spray painting mill-garaxx li huwa għandu fi Triq Masri, ix-Xagħra, Għawdex. Fi Frar jew Marzu 2017 il-vettura tal-intimat kienet involuta f'ħabta u ittieħdet għand il-workshop tar-rikorrent. Minkejja li l-vettura kienet ġiet dikjarata mill-kumpanija tal-assikurazzjoni bħala total loss, bi qbil bejn il-partijiet saru xi tiswijiet fuqha u l-intimat ħallas għal dan ix-xogħol. Xi zmien wara l-intimat kien involut f'ħabta oħra u huwa reġa mar għand ir-rikorrent biex jagħmilllu t-tiswijiet. L-intimat ingħata stima ta' € 85 għal dan ix-xogħol u l-intimat accettaha. F'dik l-okkazzjoni l-intimat beda jallega mal-attur li bħala parti mix-xogħlijiet li kienu saru wara l-ewwel ħabta, kellhom jiġu irranġati xi għafsiet fuq il-bonnet. Għalkemm l-attur kien cert li dan ma kienx il-kaz, kien accetta li dawn l-għafsiet jirranġahom biex izomm lill-intimat kuntent. F'dik l-okkazzjoni wkoll kien ġie installat switch tal-power windows li kien ġie ordnat mill-attur fuq talba tal-intimat. Sar wkoll xogħol fuq power string tal-istess vettura. Dan ix-xogħol kollu (eskluz l-għafsiet tal-bonnet) intela' għall-ammont ta' € 183.30. Dan l-ammont baqa' ma tħallasx.

Sussegwentement tard fis-sena 2017, l-attur ġie infurmat mill-intimat li huwa kellu problema bl-isteering tal-vettura. L-attur għamel ix-xogħlijiet ta' tiswija necessarji u l-intimat kien kuntent b'dan ix-xogħol. Il-valur ta' dan ix-xogħol ammonta għal € 458.50. Ir-rikorrent temm jgħid li minkejja li kien bagħat diversi ittri lill-intimat, l-ammont dovut lilu li b'kollox laħħaq is-somma ta' € 641.80 baqa' ma tħallasx. Kien għalhekk li huwa kien beda dawn il-proceduri.

**In kontro-ezami**, Sultana ikkonferma li bejn tiswija u oħra kienu għaddew xhur. Ix-xhud qal li Scicluna kien mar bl-ewwel daqqa, għamillu x-xogħol u tħallas. Xhur wara imbagħad kien mar għandu bit-tieni daqqa u dan ix-xogħol sarlu wkoll. Kellu wkoll problema bl-isteering. Dan ma kellu x'jaqsam xejn max-xogħol li kien sar l-ewwel darba. Sultana ikkonferma li ta' dan ix-xogħol hu kien għadu ma tħallasx.

Rigward l-offerta li Scicluna jgħid li saret biex Sultana jixtri l-parts, Sultana sostna li huwa ma kienx jaf b'din il-proposta. Rigward wkoll is-sadid li Scicluna kien qal li ħareġ, Sultana qal li dawn kienu għafsiet. Ix-xhud qal wkoll li wara li l-vettura kienet ġiet bit-tieni daqqa, reġgħu saru t-tiswijiet fuq l-istess vettura u tranġa wkoll l-isteering. Meta imbagħad Scicluna intalab il-ħlas ta' dan ix-xogħol, Scicluna beda jgħid li l-parts ma kinux inbiddlu kollha. Ix-xhud temm jgħid li bil-kont pendenti ma kienx hemm problemi.

**Reuben Scicluna** wkoll xehed bil-procedura tal-affidavit (Fol. 36 et seq). Huwa beda biex qal li fi Frar 2017 huwa kien ħa l-vettura tieghu għat-tiswijiet. Dan wara li din kienet involuta f'ħabta u l-kumpanija assikuratrici kienet qieset il-vettura bħala total loss. L-intimat spjega li huwa kien ftiehem ma' Noel Sultana li t-tiswijiet kellhom isiru għas-somma ta' € 2,000. Kompla jgħid li b'din is-somma kellhom jsiru t-tiswijiet kollha u l-body parts li kien hemm bzonn kellhom jinxtaw bħala second hand. Scicluna kompla jgħid li huwa ġabar il-vettura fit-22 ta' Mejju 2017. Peress li l-vettura kienet maħmuġa, huwa ħasilha u sab li kien hemm xi

daqqiet fuq il-bonnet li ma kinux tneħħew. Qal wkoll li kien hemm xi parts tal-vettura li ma kinux ġew irranġati. Dan apparti ħsarat li Scicluna sostna li ġew arrekati fil-vettura waqt li din kienet qegħda titranga.

Scicluna kompla jgħid li huwa ħa l-vettura lura lill-attur u dan qallu li kien sejjer jisprajaha mill-ġdid. Scicluna imbagħad reġa mar biex jiġbor il-vettura xi tlett (3) ijiem wara u sab li għalkemm il-vettura kienet ġiet *sprayed* mill-ġdid, id-daqqiet fil-bonnet kienu għadhom hemm u l-affarijiet l-oħra li kien ġibed l-attenzjoni fuqhom ma kinux ġew irranġati jew mibdula. Meta affacja lil Sultana b'dan, Scicluna jsostni li Sultana qallu li dawk l-affarijiet ma setgħux jitranġaw.

Xi zmien wara l-intimat qal li kellu problema bl-isteering rack u l-power windows u xi affarijiet oħra. Huwa reġa ħa l-vettura għand l-attur għat-tiswija. Hekk kif lestieha u Scicluna mar biex jiġborha, Scicluna qal lill-attur li l-karozza ma kinitx ġiet irranġata kif suppost u li Sultana kien naqas li jbiddel il-parts li kienu qablu li kellhom jinbidlu. Qal wkoll li l-ispray fuq il-bonnet kien qed joħroġ għalih is-sadid.

Ix-xhud kompla jgħid li waqt li l-vettura kienet għat-tiswija, hija soffriet ħsarat oħra. Huwa talab lil Sultana biex jirranġa dawn il-ħsarat pero Sultana irrifjuta. Kien għalhekk li l-intimat irrifjuta li jħallas lil Sultana għall-aħħar xogħlijiet li huwa kien għamillu fuq il-vettura. Dan għaliex Scicluna insista li huwa ġia kien ħallas lil Sultana total ta' € 2,276.40 u x-xogħlijiet ma kinux tlestew.

Ix-xhud temm jgħid li xi sena wara l-bonnet u xi parts oħra li kien sprejja Sultana kienu kollha sadid u toqob. Huwa mar il-garaxx biex jurihom lil Sultana. Meta Sultana ra l-vettura huwa qallu li kien lest li jħallas għall-*parts* pero mhux għall-ispray.

**<u>In kontro-ezami</u>** Scicluna qabel li hemm ammont li għadu dovut lill-attur. Huwa pero ma kienx ħallas dan l-ammont għax ix-xogħol ma kienx sar sewwa. Ix-xogħol li ma kienx sar sewwa kien jirreferi għall-ewwel incident li huwa kellu bil-vettura. Scicluna sostna li ma' Sultana kien ftiehem li ħa jibdillu l-affarijiet. L-affarijiet miftehma ma inbidlux u apparti minn hekk saret wkoll ħsara fil-vettura waqt li kienet fil-garaxx ta' Sultana. Qal wkoll li kellu xogħol ieħor li kien sar u li imbagħad ħareġ għalih is-sadid. Dawn il-problemi pero ma kinux jirreferu għax-xogħlijiet li Scicluna kien għadu ma ħallasx lill-attur.

Ix-xhud kompla jgħid li wara li kien ħareġ il-vettura l-ewwel darba, wara tlett ijiem reġa ħadha lura lil Sultana għaliex l-isteering ma kienx qed jaħdem sewwa. Mistoqsi jekk kienx għadda aktar zmien minn tlett (3) ijiem, Scicluna ma għarafx iwieġeb. Ix-xhud qal wkoll li huwa ma kienx fittex lil Noel għax-xogħol ħazin li kien sar kif wkoll għall-ħsarat li kienet ġratilha l-vettura waqt li din kienet għand Sultana.

- **Kunsiderazzjonijiet**

Din il-kawza titratta dwar il-ħlas tal-ammont ta' sitt mija u wieħed u erbgħin ewro u tmenin centemu (€ 641.80) rapprezentanti xogħlijiet ta' tiswija li saru fuq il-vettura JBV 526 tal-intimat kif wkoll xiri ta' parts għall-istess vettura.

Qabel ma t-Tribunal jgħaddi biex jidħol fil-mertu propju jkun opportun li wieħed jelenka l-fatti relattivi għall-kaz:

(a) Fi Frar jew Marzu 2017 il-vettura tal-intimat kienet involuta f'incident stradali. Din ġiet klassifikata bħala *total loss* mill-kumpanija tal-assikurazzjoni. Scicluna tħallas mingħand l-assikurazzjoni u zamm il-vettura. Huwa imbagħad ħa din il-vettura għand l-attur bħala l-panel beater li kellu fiducja fih u t-tnejn ftehmu biex Sultana jagħmel it-tiswijiet necessarji biex il-vettura tkun tista' tinstaq. Ix-xogħlijiet miftehma saru kollha u infatti l-intimat ħallas ta' dan ix-xogħol kollu. L-intimat jgħid li l-ħlas ta' dan ix-xogħol ma sarx f'daqqa izda ħallsu permezz ta' tlett pagamenti separati;

(b) Xi xhur wara l-intimat reġa mar il-garaxx ta' Sultana għaliex kien involut f'incident stradali ieħor. Dan biex jirranġa d-daqqa ġdida li kien laqqat fil-vettura tiegħu. F'dik l-okkazzjoni wkoll inbidel switch tal-power windows li kien ġie ordnat precedentement mill-intimat. Scicluna ma ħallasx ta' dawn ix-xogħlijiet. L-ammont relattiv għal dan ix-xogħol jirrizulta mill-*invoice* markata bħala Dokument DB 1;

(c) Sussegwentement Scicluna rega' mar għand Sultana għaliex kellu problema fl-isteering. Dan ġie irranġat wkoll a sodisfazzjoni tal-intimat. Ta' dan ix-xogħol Scicluna ma ħallasx lanqas. L-ammont relattiv għal dan ix-xogħol jirrizulta mill-*invoice* markata bħala Dokument DB 2;

(d) Peress li Scicluna baqa' ma ħallasx dawn iz-zewġ invoices, Sultana beda jiġri wara Scicluna għall-ħlas. Jidher li kien f'dan il-punt li Scicluna beda jilmenta fuq ix-xogħlijiet li kienu saru precedentement u fuq il-fatt li skont hu Sultana kien naqas li jipprovdi l-parts kollha li kienu miftehma fuqhom il-partijiet. Scicluna beda jallega wkoll li waqt li l-vettura kienet għand Sultana, din soffriet xi ħsarat;

It-Tribunal fela fid-dettal x-xhieda tal-partijiet u l-kontro-ezamijiet tagħhom. Minn ezami tax-xhieda mogħtija b'mod partikolari tal-kontro-ezami li sar lill-intimat jirrizulta **li l-intimat m'għandu l-ebda problema fuq ix-xogħol li tiegħu l-attur qiegħed jirreklama l-ħlas f'dawn il-proceduri, indikati precizament fl-invoices Dokumenti DB 1 u DB 2. L-istess intimat lanqas qiegħed jikkontesta l-quantum ta' dak li qiegħed jiġi reklamat mill-attur**:

*"Dr Bigeni: Ara Sur Scicluna, ħa nagħmillek referenza għall-DOK DB1 anness mal-avviż. Tista' tgħidilna dan l-avviż l-ammont indikat għalfejn ma tridx tħallsu?*

*Xhud: Tlabtu jagħmilli xi xogħol lil Noel imbagħad kelli accident bil-karozza.*

*Dr Bigeni: Le, le, mhux l-istorja, l-istorja qiegħda fl-affidavit tiegħek, dan lammont, dan il-kont partikulari għax ma tridx tħallsu?*

*Xhud: Għax ix-xogħol ma sarx sewwa.*

*Dr Bigeni: Għax ix-xogħol ma sarx sewwa? U b'referenza għall-DOK DB2, hemm ammont tieħor dovut hemmhekk, dak il-kont għax ma tridx tħallsu?*

*Xhud: Eħe għax dawn jammontaw, mhux jammontaw, dawn, jien kont tajtu xi flus fuq ix-xogħol li kellu jagħmel u mbagħad kelli biċċiet tax-xogħol oħra jiġifieri wara li ħadt il-karozza u beda ħiereġ it-tifel tiegħu u għidtlu isma' jiena minix kuntent bix-xogħol li sar, għidtlu jien ħa nżomm dawn il-flus biex ….biex nissavagwardja….*

*Dr Bigeni: Imma, l-ewwel kont ma tridx tħallsu għax ix-xogħol ma sarx sewwa.*

*Xhud: Eħe.*

*Dr Bigeni: Dan il-kont id-DB 2, qed tgħidilna li diġa' ħallastu?*

*Xhud: Le, le mhux qed ngħid li diġa' ħallastu, jekk qed tgħid li mhux imħallas, mhux imħallas.*

*Dr Bigeni: Le inti trid tgħidilna hux imħallas jew le.*

*Xhud: Kien total, kien baqa' total ta' xi sitt mija u ħamsin ewro b'kollox. Għax dokumenti hemm ħafna u …*

*Dr Bigeni: Jiġifieri taqbel miegħi li fil-verita' hemm ammont dovut lil Noel?*

*Xhud: U żgur. Iva naqbel miegħek.*

*......*

*Dr Bigeni: Dawn iż-żewġ invoices in partikulari DB1 u DB2 qed taqbel miegħi? Dawn mal-accident ma kellhom xejn x'jaqsmu?*

*Xhud: Le ma kellhom xejn x'jaqsmu.*

*Dr Bigeni: Jiġifieri dan il-ħafna diskors li għadek kemm għidtilna li ma ħallastux għax ix-xogħol kien ħażin ħafna, paroli, dan ix-xogħol kien tajjeb, DOK DB 1 u DOK DB2. Iva jew le?*

*Xhud: Ix-xogħol eħe*

*Dr Bigeni: Tant kien tajjeb li int stess għidtilna, inqas minn ħames minuti ilu, illi iva għandek tagħtih xi sitt mija u ħamsin ewro, bejn wieħed u ieħor. Sa hemmhekk maqbulin.*

*Xhud: Naqblu."*[1]

Dak li jgħid l-intimat fil-kontro-ezami tiegħu prattikament iwassal biex jinnewtralizza l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnu fir-risposta tiegħu. L-intimat prattikament qed jammetti li fuq dawn ix-xogħlijiet/parts li huwa qed jintalab iħallas ma kien hemm l-ebda problema u li għalhekk tali ammont huwa dovut lill-attur.

L-intimat qiegħed pero jirrifjuta li jħallas dan l-ammont minħabba problemi li huwa jgħid li kien hemm fix-xogħlijiet li kienu saru precedentment kif wkoll minħabba ħsarat li jgħid li ġew arrekati fil-vettura tiegħu waqt li din kienet qed tissewwa. Apparti l-fatt li dawn l-oġġezzjonijiet *per se* ma kinux jiġġustifikaw il-posizzjoni li ħa l-intimat li huwa ma jħallasx l-ammont mitlub mill-attur – tenut kont li kif jammetti l-istess intimat ix-xogħlijiet saru sewwa, hu kien kuntent bihom u lanqas ma kien qed jikkontesta l-ammont ta' ħlas mitlub – it-Tribunal għandu dubji dwar il-veracita ta' dak allegat mill-intimat. Dan għas-segwenti raġunijiet:

(a) Fir-rigward tax-xogħlijiet li saru in konnessjoni mal-ewwel incident fil-karozza, l-intimat ħallas għax-xogħlijiet kollha li kienu saru. Il-ħlas ma sarx f'darba izda kif jindika l-istess intimat fix-xhieda tiegħu l-ħlas sar fi tlett pagamenti separati. Li kieku kien hemm problema b'xi xogħlijiet li kienu saru jew inkella ġew arrekati ħsarat waqt li l-

[1] Xhieda mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023.

vettura kienet qed tissewwa, it-Tribunal iqis li l-intimat zgur li ma kienx sejjer jissalda l-kont kif fil-fatt għamel f'dik l-okkazzjoni;

(b) L-intimat baqa' ma ipprocediex kontra l-attur sabiex jottjeni dikjarazzjoni li x-xogħlijiet in konnessjoni mal-ewwel incident ma kinux saru sewwa u kif wkoll sabiex jottjeni l-ħlas tal-ħsarat li huwa jgħid li soffra fil-vettura tiegħu waqt li din kienet għat-tiswija għand l-attur. Ma tirrizulta l-ebda korrispondenza legali f'dan is-sens u lanqas ma ġew istitwiti proceduri f'dan is-sens jew inkella tal-anqas saret xi kontro-talba fil-konfront tal-attur;

(c) L-intimat baqa' ma ġab l-ebda prova tal-ħsarat li skont hu ġew arrekati fil-vettura tiegħu waqt li din kienet fil-garaxx tal-attur, ħaġa li facilment l-attur seta' ġab prova tagħha tenut kont li ġia kien sar survey fuq il-vettura. Allura li kieku saret din il-prova, wieħed seta' facilment jidenftika xi ħsarat kien hemm u xi ħsarat saru ġodda fuq l-istess vettura.

Fic-cirkostanzi t-talba tal-attur għalhekk timmerita li tiġi milqugħa. L-argumenti li qed iressaq l-intimat huma sempliciment skuza biex huwa ma jħallasx l-ammont dovut minnu lill-attur.

Għar-rigward l-imgħaxxijiet, dawn għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-interpellazzjoni ufficjali magħmula mir-rikorrent lill-intimat u dan a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe mid-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2018. Kopja ta' din l-ittra ġiet debitament ipprezentata in atti. Mhux l-istess jista' jingħad għall-ittri bonarji. Kopja ta' dawn baqgħu ma ġewx prezentati in atti u għalhekk it-Tribunal huwa sprovvist minn tali prova. Per konsegwenza għalhekk it-Tribunal mhux se jordna li l-intimat għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjez relattivi għal dawn l-ittri bonarji li intbagħtu.

- ***<u>Decide</u>***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(a) Jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' sitt mija u wieħed u erbgħin ewro u tmenin centezmu (€ 641.80) bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2018 (id-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali) sad-data tal-effettiv pagament; u

(b) Per konsegwenza jicħad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deciz;

L-ispejjez tal-prezenti istanza kif wkoll l-ispejjez relattivi għall-ittra ufficjali numru 5/2018 datata sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2018 (eskluz dawk tal-ittri bonarji) għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Gudikant

(ft.) Rebekah Mizzi

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur